**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 31 ta' Jannar 2024**

**Każ Numru: 3907/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**kontra**

**Abubaker Adam Ismail**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Abubaker Adam Ismail** ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Adam Ismail u Hawa Adam (Miriam), imwieled Darfour, Sudan, nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), mingħajr residenza u detentur tan-numru tal-Pulizija 19CC-047.

U nakkużah talli nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18.30hrs) ġewwa Ġnien Patri Feliċjan Bilocca, Marsa u/jew fil-viċinanzi:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u/jew li kkommetta dan ir-reat fi, jew ġewwa

distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ta' nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), bis-saħħa tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat debitament assistit rreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie mixli talli nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, liema mediċina nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u li kkommetta dan ir-reat fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Illi permezz ta' rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat Abubakar Adam Ismail ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, datat tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u

għoxrin (2024), ir-rikorrenti ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu u talbu lil din il-Qorti sabiex *"fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Abubaker Adam Ismail għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta'* ***priġunerija għal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar effettivi u multa ta' ħames mitt euro (€500) u kwalsiasi sanzjoni u spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja u konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.****"*

Tqis għalhekk li l-prosekuzzjoni u l-imputat kif debitament assistit qablu fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-istess imputat.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih ġie mixli l-imputat u li tiegħu huwa iddikjara li huwa ħati, kif ukoll, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat li fiż-żmien tal-każ odjern kienet waħda netta, għalkemm mid-dokument eżebit mill-prosekuzzjoni u mmarkat bħala 'Dok FS'[1] jirriżulta li l-imputat ilu Malta biss madwar erba' snin u nofs.

Tqis għalhekk li għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet permezz ta' rikors ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 118A u 120A(1)(a)(2)(b)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 23, 31, 392A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Abubaker Adam Ismail** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, bl-aggravju tad-distanza u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva**, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, u **multa ta' ħames mitt ewro (€500)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' elfejn, seba' mija u erbgħa u għoxrin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€2724.63) rappreżentanti l-ispejjez in konnessjoni mar-relazzjoni tal-esperti Gilbert Mercieca, PS 586 Mario Azzopardi, il-Perit Alexei Pace u Dr. Martin Bajada. Dawn l-ispejjeż għandhom

[1] A fol. 32 tal-atti proċesswali

jiġu mħallsa mill-ħati fi żmien sena mill-llum jew altrimenti jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat favur il-Gvern ta' Malta u tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in gudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il-jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Deguara**